MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 147/2007/1

**Paul Cauchi**

**vs**

**HSBC Bank (Malta) plc**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Ottubru, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat it-23 ta' Mejju tas-sena 2007 li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lis-socjeta` intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:
>
> 1. Illi thallas, ossia, tirrifondi, lir-rikorrent is-somma ta' elfejn mija u ghaxar Liri Maltin u sitta u

erbghin centezmu (LM2,110.46,0), rapprezentanti ammont indebitament mehud mill-kont bankarju illi l-istess rikorrent kellu depozitat mal-bank intimat bin-numru 050 013598 050, liema transazzjoni tirrizulta mid-Dokument `A` anness;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli b'effett mit-2 t'Awissu tas-sena 2006 sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` intimata li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata it-3 ta' Lulju tas-sena 2007 li permezz taghha l-istess socjeta` irrispondiet bil-mod segwenti:

1. It-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza huwa kien debitur tal-Bank ghas-somma ta' elfejn mija u ghaxar Liri Maltin u sitta u erbghin centezmu, (LM2,110.46,0), bhala *additional Visa Card Holder* fuq kont li ma giex onorat;

2. Illi fil-qosor l-kumpanija "Middle East Consulting Services Limited" kellha servizz mill-Bank intimat ta' "Visa Card" u r-rikorrent kien "*additional card holder";*

3. Illi bhala "*additional card holder"* ir-rikorrent kien responsabbli *in solidum* mal-kumpanija ghal kwalunkwe debitu dovut u din ir-responsabbilita` solidali giet esplicitament accettata minnu permezz ta' ittra datata 13 ta' Mejju tas-sena 2002 Dokument H1;

4. Illi l-kumpanija "Middle East Consulting Services Limited" ma hallsitx il-bilanci dovuti in konnessjoni mal-kont tal-VISA u ghalhekk ir-rikorrent, permezz ta' ittra datata 3 ta' Lulju tas-sena 2006, Dokument H2, gie mitlub ihallas il-bilanci dovuti fuq il-kont tal-VISA fuq citat fi zmien gimgha;

5. Illi stante li l-attur ma wiegeb xejn u baqa' ma sarx dan il-pagament il-bank intimat, ai termini tal-klawsola 13.3 tal-kundizzjoni tal-kont tal-VISA u senjatament:

*"We may exercise our right as a bank to use any credit balance on any other account you hold with us to reduce or repay any sums you fail to pay under this agreement. You will be duly notified if we do so";*

Kif ukoll skond l-artikolu 1196 et sequitur tal-Kap 16 saret tpacija bejn din is-somma u l-kont tat-tfaddil li l-istess rikorrent beda jikkontesta ir-responsabbilita' personali tieghu bhala "*additional card holder"*;

6. Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi l-affidavitijiet ipprezentati;

Ezaminat ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi t-talba tar-rikorrenti Paul Cauchi tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti;

1. Illi l-bank intimat indebitament approprja ruhu mis-somma indikata fir-rikors promotur minn kont bankarju li l-istess rikorrent kellu depozitat ma' l-istess bank liema kont bankarju hu wkoll indikat fir-rikors promotur;

2. Illi fir-rigward ir-rikorrent isostni s-segwenti:

i. Illi f'Mejju ta' l-1999 inghata karta ta' kreditu tal-Visa f'ismu izda in rapprezentanza tas-socjeta` "Middle East Consulting Services Limited";

ii. Illi din il-karta ta' kreditu inghatat lir-rikorrent fuq insistenza ta' certu Alfred Apps li kien is-sid u direttur tas-socjeta` "Middle East Consulting Services Limited" fuq indikata;

iii. Illi l-uzu tal-karta ta' kreditu de quo kellu jkun limitat ghax-xoghol ufficcjali tal-kumpanija indikata fil-paragrafu precedenti, specjalment ghall-uzu ta' xiri ta' biljetti ta' l-ajru;

iv. Illi meta s-socjeta` intimata hadet il-kontroll tal-Mid-Med Bank Limited ir-rikorrent kien gie mitlub mill-imsemmi Apps fuq indikat biex jiffirma xi dokument li kien ircieva mill-HSBC, liema dokument kien datat it-13 ta' Mejju tas-sena 2002;

v. Illi dan id-dokument kien jirrigwarda l-karta ta' kreditu bin-numru 4568 8250 1014 5197 u kien jafferma li issa r-rikorrent kien responsabbli ghal karta ta' kreditu flimkien ma' l-imsemmija kumpanija fuq indikata, (M.E.C.S.);

vi. Illi r-rikorrent isostni li l-bank intimat beda jitolbu li jeffettwa xi pagamenti dovuti fuq karta ta' kreditu b'numru differenti, (ara fol 17), u peress li kien perswaz li l-bank intimat kien qed ikun erroneu fit-talba tieghu, talab lil xi nies li jigu minnu biex jivverifikaw l-affarijiet peress li kien imsiefer;

vii. Illi pero` r-rikorrent isostni li l-bank intimat ipprecipita l-affarijiet meta fit-2 t'Awissu tas-sena 2006 ha l-ligi f'idejh u minghajr l-ebda awtorita` ta' hadd naqqas l-ammont ta' elfejn mija u ghaxar Liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (LM2,110.46,0) mill-kont li jgib in-numru 0500 135 98 – 050 li kien pendenti ma l-istess bank, liema kont la kien jappartjeni lir-rikorrent u lanqas kien jintuza minnu;

viii. Illi ghalkemm ir-rikorrent ghamel diversi tentattivi biex jikkuntattja lill-Bank ghal kjarifika, ir-risposta li nghata kien li seta' jiehu l-bank il-qorti, (ara fol 17);

ix. Illi dan l-agir tal-bank intimat holoq disagg serju lir-rikorrent;

x. Illi jirrizulta in effetti li l-karta ta' kreditu li fuqha l-bank intimat ghandu xi interess kienet tappartjeni personalment lill-imsemmi Alfred Apps u li r-rikorrent la qatt ra u wisq anqas uza, (ara fol 18);

3. Illi in vista ta' l-intransigenza tal-bank intimat, ir-rikorrent kien kostrett jintroduci l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi r-risposta tas-socjeta' intimata tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi f'Gunju tas-sena 2006 il-bank intimat kien bi hsiebu jittermina l-facilitajiet f'isem is-socjeta` "Middle East Consulting Services Limited";

2. Illi din is-socjeta` kellha s-segwenti kontijiet:

i. VISA: numru 4568 8250 1010 4970 li kellha zbilanc ta' elfejn u disghin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu, (LM2,090.84,0);

ii. Zewg karti ta' kreditu addizzjonali:

a. 4568 8250 1010 4988 f'isem Alfred Apps;

b. 4568 8250 1010 4996 f'isem Paul Cauchi, liema karta kienet giet dikjarata mitlufa u rimpjazzata b'karta bin-numru 4568 8250 1014 5197;

3. Illi l-bank intimat inghata l-parir li jsejjah ghall-hlas lura ta’ l-izbilanc dovut anke mill-karti ta’ kreditu addizzjonali fuq indikati stante li dawn il-karti addizzjonali kienu responsabbli *in solidum* ghall-imsemmi zbilanc;

4. Illi fuq id-dokumentazzjoni tal-bank intimat ir-rikorrent kien indikat bhala possessor tal-karta ta’ kreditu addizzjonali fuq indikata;

5. Illi ghalhekk ir-rikorrent kien responsabbli *in solidum* ghall-izbilanc akkumulat fil-karta ta’ kreditu tas-socjeta` M.E.C.S. fuq indikata;

6. Illi effettivament din ir-responsabbilita` solidali tirrizulta li kienet giet esplicitament accettata mir-rikorrent permezz ta’ ittra datata it-13 ta’ Mejju tas-sena 2002, (ara fol 9);

7. Illi meta l-bank intimat baqa’ ma giex sodisfatt, talab il-pagament dovut permezz ta’ ittra datata t-3 ta’ Lulju tas-sena 2006, u intima li fin-nuqqas kien ser jiehu l-passi legali xierqa spettanti lilu;

8. Illi peress li r-rikorrent baqa’ inadempjenti l-bank intimat uzufruwixxa ruhu minn klawsola 13.3 tal-kondizzjonijiet tal-VISA, (ara fol 52 u 61), kif ukoll a bazi ta’ l-artikolu 119 et sequitur tal-Kap 16;

Ikkunsidrat:

Illi mill-analizi fuq sintetikament riprodott jidher li l-bank intimat juza l-posizzjoni li hu ghandu fil-konfront tal-klijenti tieghu b’mod li jippregudika d-drittijiet li dawn jista’ jkollhom;

Illi jirrizulta li l-bank intimat qed jirrikjama li hu ghandu jiehu s-somma fuq indikata minn kont ta’ karta ta’ kreditu li certu Apps kellu mieghu, liema karta kienet sussegwentement giet estiza fuq ir-rikorrent bhala responsabbli *in solidum* ghaliha;

Illi l-fatt li l-bank intimat jippretendi li ghandu d-dritt li minn jeddu, bla pre-avviz, u minghajr id-debita awtorizazzjoni preventiva ta' sid il-kont, jaqbad u jiehu proprjeta` ta' haddiehor u jaghmilha tieghu, u mhux biss kontra kull principju ta' buona fede tant necessarju f'ambjent tant delikat tal-kummerc, izda hu ekwivalenti ghall-misapproprjazzjoni u ghalhekk effettivament ta' indole ta' natura kriminali u allura tmur ukoll kontra kull principju ta' ordni pubbliku;

Illi li wiehed jiehu l-ligi f'idejh – *"ragion fattasi"* – hi aborrenti li l-ebda socjeta` ibbazata fuq is-sovranita` tad-dritt m'ghandha tavalla tali attitudni;

Ghaldaqstant, filwaqt li ghar-ragunijiet fuq esposti, tirrespingi r-risposta intiera tal-bank intimat, takkoli t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tordna lill-bank intimat HSBC Bank Malta p.l.c., (C-3177), biex fi zmien gimgha mil-lum jirrifondi lir-rikorrent Paul Cauchi l-ammont ta' elfejn mija u ghaxar Liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (LM2,110.46,0) ekwivalent ghal erbat elef disa' mija u sbatax-il Ewro u sebgha u tletin centezmu (€4,917.37), ammont indebitament mehud mill-kont bankarju tar-rikorrent kif indikat fir-rikors promotur;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mit-2 t'Awissu tas-sena 2006, sal-pagament effettiv."

Bl-appell elaborat minn din is-sentenza l-Bank konvenut jitlob ir-revoka taghha bl-aggravji f'din l-ordni:-

1. Proceduralment, in-nullita` tas-sentenza stante li l-ewwel Qorti ma indirizzatx is-sottomissjonijiet legali tal-partijiet u, minflok iddecediet il-kwestjoni fuq konsiderandi ("ragjon fattasi") li l-partijiet qatt ma

ssollevaw. Ghall-appellanti, qaghda bhal din tikkostitwixxi lezjoni tal-principju *audi alteram partem;*

2. Fis-sostanza, il-Qorti injorat ghal kollox iz-zewg vertenzi principali involuti u, cjoe, dik tas-solidarjeta` u tat-tpacija;

B'introduzzjoni qasira ghall-ewwel motiv ta' aggravju huwa vitali li tigi inkwadrata kif imiss il-kwestjoni devoluta ghall-ezami u decizjoni mill-ewwel Qorti, kif din tiddixxendi mill-fatti sottostanti t-talba ta' l-attur u l-opposizzjoni ghaliha mill-Bank konvenut:-

1. Il-Bank konvenut approva l-koncessjoni lis-socjeta` Middle East Consulting Services Ltd ta' Visa/Euro Card;

2. Il-Bank approva wkoll illi Alfred Apps, *qua* direttur tal-kumpanija, u l-attur, branch manager taghha fil-Libja, ikunu "*additional card holders*";

3. B'ittra tat-13 ta' Mejju, 2002 (fol. 9) il-Bank kiteb lill-attur illi kien sar tibdil f'"Condition 13" tal-"conditions of use" ta' dawk il-Cards, u ntalab jissenjala l-accettazzjoni tieghu ghal dak it-tibdil, kif hekk fil-fatt sar mill-attur taht il-firma tieghu datata 26 ta' Mejju, 2002;

4. Il-kumpanija msemmija ma hallsetx il-bilanc dovut fuq il-Visa Card taghha u b'ittra datata 3 ta' Lulju 2006 (fol. 10) l-Bank kiteb lill-attur biex jissollecitah ihallas zmien sebat ijiem;

5. Meta il-hlas relattiv baqa' ma sarx il-Bank ghadda biex, fit-termini tal-kondizzjoni 13.3 u ta' l-Artikolu 1196 tal-Kodici Civili, jezercita d-dritt ta' tpacija ma' kont bankarju personali li kellu l-attur. Huwa proprju din l-operazzjoni li l-attur jikkontesta bl-azzjoni tieghu;

Huwa apparenti mis-sottomissjonijiet tal-partijiet ventilati minnhom fin-Noti rispettivi taghhom a fol. 163 u 174 illi l-

kweziti fokali li fuqhom kellha tiddelibera l-ewwel Qorti kienu, sintetikament, is-segwenti:-

1. Jekk l-attur qattx ikkonsentixxa li jkun marbut bil-"cards conditions of use" tal-Bank ghal skop ta' tpacija;

2. Jekk l-attur kienx responsabbli *in solidum* mal-kumpanija Middle East Consulting Services Ltd ghal kwalunkwe debitu dovut minn din fuq il-Visa Card taghha;

3. Jekk l-attur kienx effettivament ikkontesta l-ammont reklamat mill-Bank b'mod li jinnewtralizza d-dritt ghat-tpacija;

Ikollu jinghad, anke ghaliex dan hu tant iehor apparenti mill-korp tas-sentenza, illi l-ewwel Qorti, minflok ma zammet ruhha arginata fuq il-binarju ta' dawk l-istess kweziti u tal-principju tad-dritt li necessarjament u ovvjament jinzlu minnhom, stradat ruhha fuq terren *short cut*, esprimenti b'mod generiku l-opinjoni proprja taghha 'l hinn minn kull riflessjoni ragonata ta' l-elementi tad-dritt sottomessi lilha mill-partijiet. Ghal din il-Qorti l-gudizzju tal-Qorti inferjuri ma jinstabx avallat minn konsiderazzjoni argomentata u logikament kongruwa f'rabta mad-deduzzjonijiet u kontro-deduzzjonijiet prospettati mill-partijiet u dan igib li l-motivazzjoni tas-sentenza li fuqha hu bazat id-disposittiv ma tistax, fil-fehma konsiderata tal-Qorti, titqies sufficjenti u adegwatament razzjonali meta raffrontata mas-sottomissjonijiet li saru. Huwa veru illi f'dik l-istess motivazzjoni l-Qorti specifikat il-fonti legali – "ragjon fattasi" – li fuqha bbazat il-konvinciment taghha, izda dan bl-ebda mod ma jista' jifforma dak il-konvinciment idoneju, demostrattiv tal-veri principji tad-dritt, oggett tal-gudizzju. Pjuttost, il-Qorti tara f'dik l-istess fonti legali mera ipotesi spekulattiva u mhux vera soluzzjoni konkreta b'rabta mar-rizultanzi processwali;

Konsiderata taht dan il-profil, ma jistax legittimament jinghad illi l-obbligu tal-motivazzjoni ghal liema jipprovdi l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 jinsab assolt b'mod idoneju u

intelligibbli. Fic-cirkostanzi l-ilment tan-nullita tas-sentenza sottopost mill-Bank appellant jidher gustifikat, anke ghaliex dik l-istess nullita` mhix lanqas salvabbli b'dak dispost fl-Artikolu 790 tal-Kapitolu 12, trattasi li ghar-ragunijiet fuq ikkontemplati tikkontjeni wkoll difett li jippregudika l-jedd ta' smigh xieraq;

Raggunta din il-konkluzjoni, il-Qorti ghandha zewg alternattivi x'taghzel, u cjoe, jew li tikkunsidra hi stess il-mertu ta' l-appell jew li tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghar-ri-konsiderazzjoni taghha skond il-ligi. Fil-hsieb tal-Qorti, gjaladarba hawnhekk si tratta minn konsiderazzjonijiet ta' certi principji ta' dritt, u mhux ukoll minn ri-ezami ta' l-elementi probatorji, huwa l-kaz li tigi adottata l-ewwel alternattiva.

IS-SOLIDARJETA

Inghad minn din il-Qorti kif presjeduta illi "is-solidarjeta` titwieled jew ghax espressament provvdut mil-ligi jew bil-volonta` tal-partijiet (Artikolu 1089, Kodici Civili). Il-presuppost ta' l-obbligazzjoni solidali huma (a) pluralita` ta' soggetti, (b) l-*idem debitum*, ossija l-istess prestazzjoni (Artikolu 1094), anke jekk ikunu jezistu modalitajiet diversi fil-kaz ta' whud mill-kondebituri (Artikolu 1095), diretta ghas-sodisfaciment ta' l-istess interess kreditorju, u (c) l-*eadem causa obligandi*." Ara "**Borg Cold Stores (Import & Distribution Ltd -vs- Mario Pickard *et***", 19 ta' Ottubru, 2005. Issokta jigi pprecizat ukoll, dejjem minn din l-istess Qorti, illi "r-*ratio*, imbaghad ta' din is-solidarjeta` huwa dak li jittutela l-interessi tal-kredituri". Ara "**Carmel Sciberras *proprio et nomine* -vs- Youssef Rhouri *et***", 9 ta' Novembru, 2005;

Premess dan, fil-kaz prezenti l-vinkolu tas-solidarjeta` hu mill-Bank appellanti akkampat fuq il-bazi ta' dik il-volonta` espressa ta' l-attur li ssottoskriva ruhu ghal kondizzjoni 13 tat-"Terms and Conditons of use" tal-Visa Card kif din

tinsab riprodotta fl-ittra ta' l-istess Bank tat-13 ta' Mejju, 2002, u, cjoe, li:-

"*The Bank may at its discretion issue an additional card at the written request of the Principal Account Holder to any person nominated in such request. The Principal Account Holder and the Authorised Cardholder(s) shall be liable jointly, and severally for the Card and any obbligation incumbent on the Principal Account Holder under these terms and conditions shall be construed to refer also to the Authorised Cardholder*";

Huwa utli ghal dawk li huma elementi ta' fatt u ghall-importanza taghhom in mertu ghall-interpretazzjoni korretta illi jigi qabel xejn registrat illi skond ma jiddixxendi mir-rizoluzzjoni tal-kumpanija Middle East Consulting Services Ltd tal-21 ta' Mejju, 1999 (fol. 20) l-istess kumpanija:-

i. awtorizzat lill-Bank biex jiftah Visa Account f'isimha;
ii. approvat, u awtorizzat ukoll lill-Bank, li johrog Visa Cards personali lill-attur u lil Alfred Apps;
iii. fuq kollox, li qed taccetta u tintrabat bil-"Visa Gold Card terms and conditions as amended from time to time by Mid-Med Bank plc";

Rettament konsiderati dawn l-elementi sostanzjali, ukoll fil-parametri tal-kondizzjoni fuq riportata, ghandu jinghad, anke bi twegiba ghal certi sottomissjonijiet ta' l-attur appellat fin-Nota tieghu prezentata quddiem l-ewwel Qorti, illi:-

1. L-attur kien "additional card holder" awtorizzat mill-Bank bl-approvazzjoni tal-kumpanija;

2. Li hu kien ghall-kurrenti tal-fatt li l-kumpanija kienet intrabtet bil-kondizzjonijiet tal-Visa Card, u li, allura hu wkoll, bhala "authorised card holder", kien hekk tenut li josserva u jadempixxi ruhu ma' dawk l-istess termini u

kondizzjonijiet. Fiz-zgur, imbaghad, li hu kien hekk obbligat bil-kondizzjoni 13 kif emendata ghal liema ssottoskriva taht il-firma tieghu fuq l-ittra tat-13 ta' Mejju 2002 lilu mibghuta mill-Bank;

3. It-tifsira ordinarja tal-kliem kif tinzel minn dik l-istess kondizzjoni ma jhallu l-ebda dubju illi dak li kien qed jintrabat bih l-attur appellat kien li hu jaghmel tajjeb ghall-obbigazzjoni gravanti fuq il-kumpanija bhala Principal Account Holder, u dan "jointly and serverally" maghha. Dan igib is-sussistenza tal-presupposti aktar 'il fuq kaptati u, allura wkoll, l-obbigazzjoni tas-solidarjeta` fl-attur ghad-debiti tal-kumpanija. Bl-ebda mod ta' l-immaginazzjoni, fertili kemm hi fertili, ma tista' tigi accettata d-deduzzjoni ssuggerita mill-attur illi r-responsabilita` solidali kellha ness esklussiv fir-rigward tad-debiti fuq il-Card personali tieghu. Il-kliem "*any obligation incumbent on the Principal Account holder under these Terms and Conditions shall be construed to refer also to the Authorised Cardholder*" huma sufficjentement cari u ma jhallux spazju ghall-interpretazzjoni diversa;

4. Jikkonsegwi illi l-Bank appellanti kien ghal kollox korrett illi bl-applikazzjoni tal-presunzjoni tas-solidarjeta` passiva ghal-liema jirreferi l-Artikolu 1089, Kodici Civili jezercita s-setgha li jaghtih l-Artikolu 1090 li jesigi l-hlas minghand l-attur, *qua* debitur konsolidali.

IT-TPACIJA

Din il-konkluzjoni twassal issa ghal konsiderazzjoni ta' dak il-kwezit l-iehor dwar jekk il-Bank appellant setax jezercita wkoll il-kompensazzjoni extra-gudizzjali ghas-sodisfaciment u estinzjoni tal-kreditu tieghu;

Huwa forsi opportun illi, qabel kull konsiderazzjoni ta' dritt fuq din il-materja, jigi premess dan li gej. Generalment, u b'mod ukoll elementari, l-operazzjonijiet bankarji huma ta' zewg kwalitajiet, passivi jew attivi. Taht ta' l-ewwel l-Bank hu kreditur tal-klijent li jiddepozita l-flus proprji mieghu, bl-

obbligu tar-restituzzjoni (ad ezempju id-depoziti *fixed* jew *savings*). Taht it-tieni hu l-Bank li jikkoncedi krediti billi jqieghed ghad-disposizzjoni tal-klijent il-kapital tieghu (ad ezempju, il-*loans* jew apertura ta' kreditu). Dak li jinteressa lill-kaz prezenti huwa n-natura tad-depozitu li l-klijent (f'dan il-kaz l-attur) ghamel fil-Bank;

Minn dak li jinghad fin-Nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-attur jabbina l-opposizzjoni tieghu ghal fatt ta' tpacija li sehhet fuq il-bazi tas-subinciz (b) ta' l-Artikolu 1199 tal-Kodici Civili li jiddisponi illi t-tpacija hi eskluza "meta jintalab ir-radd ta' depozitu nkella ta' self ta' l-uzu jew kommodat". Il-Qorti tikkonoxxi illi mhux l-awturi kollha huma konkordi fuq in-natura tad-depozitu li jsir fil-Bank mill-klijent. Hemm ad ezempju minn iqisu depozitu irregolari (ara **Galasso**, "**Contratti di credito e titoli bancari**"). Hemm minn iqisu mutwu pekunjarju (**Messineo**, "**Manuale**" **Vol. V P 148)**. Ohrajn, bhat-**Trabucchi** (**Istit. p. 840**), li jsostnu li jippartecipa mit-tnejn. Fuq il-fehma ta' din il-Qorti hu difficli li jkun accettat illi l-Bank ghandu f'kaz bhal dan sempliciment il-funzjoni ta' kustodju, kif mill-Artikolu 1891, Kodici Civili espress, ghax, ukoll jekk ghandu l-obbligu tar-restituzzjoni, hu jista' dejjem igwadi u jisfrutta l-ammont hekk depozitat ghandu billi jinvestih ghal gwadann tieghu. Tali operazzjoni taghmel dak id-depozitu affini ghall-mutwu kif mill-Artikolu 1842, Kodici Civili ddefinit. Din il-fehma hi msahha aktar mit-termini ta' l-Artikolu 1894 ta' l-istess Kodici li jiddisponi illi "d-depozitu ta' flus jew ta' hwejjeg ohra li jintemmu bl-uzu, hu regolat mil-ligijiet dwar is-self ta' haga ghall-konsum jew mutwu, meta lid-depozitarju jkun inghatat s-setgha li jinqeda bil-haga depozitata ghandu, bl-obbligu biss li jrodd daqsha ta' l-istess xorta u kwalita`". Huwa f'dan l-istess sens li ssib it-tifsira pjena taghha s-sentenza "**Miggiani -vs- Galea *nomine***" (Qorti tal-Kummerc, 15 ta' Dicembru, 1900), citata mill-Bank fir-Rikors ta' l-appell tieghu. Jikkonsegwi illi, sew il-ligi, sew il-gurisprudenza enuncjata, jeskludu s-self ghall-uzu jew kommodat skond id-definizzjoni ta' dan il-kuntratt fl-Artikolu 1824 Kodici Civili u, anzi jaghmlu l-operazzjoni bankarja ta' din ix-xorta bhala wahda ta' funzjoni kreditizja;

Stabbilit dan, huma principalment tnejn ir-rekwiziti bazici ghall-iskattar tat-tpacija u cjoe:-

i. li z-zewg debiti jkunu likwidi u ezegwibbli [Artikolu 1197 (1), Kodici Civili; "**Rosaria Portelli *nomine* -vs- Joseph Portelli**", Appell Civili, 14 ta' Frar, 1941]. Huwa likwidu d-debitu ezistenti meta dan hu cert, u anke determinat fil-kwantita tieghu [Artikolu 1197 (2), jew, ukoll, xort'ohra determinabbli b'semplici kalkolu aritmetiku];

ii. li z-zewg debiti jkunu ammessi jew inkontestati mill-partijiet. Altrimenti, it-tpacija ma toperax ruhha. Ara "**Paul Abela *nomine* -vs- Paul Laferla *nomine***", Appell Kummercjali, 18 ta' Mejju, 1953 u "**John Mamo *nomine* -vs- Edward Borg**", Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Gunju, 1990 per Imhallef Carmelo Scicluna;

Huwa distingwibbli mir-rizultanzi istruttorji tal-kawza illi l-appena riprodotti elementi jissussistu t-tnejn f'dan il-kaz. Innegabilment, iz-zewg debiti huma likwidi u esigibbli. Fil-verita`, imbaghad, anke minn ezami ta' l-ittra tat-18 ta' Ottubru, 2006 (fol. 66) mibghuta mill-konsulent legali ta' l-attur lill-Bank, lanqas ma jirrizulta li dan kien qieghed strettament jikkontesta l-ammont li tieghu saret it-tpacija mal-fondi proprji tieghu depozitati f'akkont separat, daqs kemm il-pretiza tal-Bank li fuq l-istregwa ta' l-ittra tat-13 ta' Mejju, 2002 ghadda biex jipprattika t-tpacija. Din il-qaghda kif rapprezentata b'dik l-ittra ma tammontax ghall-kontestazzjoni ta' l-ammont jew ta' xi kuntrast ghall-ezistenza ta' zewgt idjun likwidi fi zmien wiehed;

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni finali dwar jekk kienetx necessitata l-awtorizzazzjoni ta' l-attur appellat qabel ma l-Bank opera t-tpacija. Hi t-tezi ta' l-attur illi l-Bank appellanti ma setax jaghmel dan ghar-raguni, gja analizzata, illi hu ma kienx marbut bil-kondizzjonijiet u t-termini tal-Visa Card. Ankorke, u dan qed jigi rilevat biss *gratia argomenti*, il-qaghda kienet kif prospettata mill-appellat, huwa imbaghad xorta wahda ma jikkonvincix illi dak il-kunsens tieghu kien, *a priori* tat-tpacija, hekk

imperanti fuq il-Bank. Proprju fil-prospettiva li tinzel mill-Artikolu 1196 (2) tal-Kodici Civili, it-tpacija topera ruhha *ipso jure*, u "ukoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri". Din il-karatteristika saljenti tal-kompensazzjoni ma tistax ma tifsserx illi l-ebda kunsens preventiv ma hu hekk necessarju biex topera t-tpacija ghax din hi moghtija *ope legis* ghall-fatt oggettiv tal-ko-ezistenza ta' zewg debiti kontrapposti basta, s'intendi, kif fuq rilevat, jirrikorru r-rekwiziti tal-likwidita u ta' l-esigibilita` taghhom, kif, fil-fattispeci, hekk inhu l-kaz.

Ghall-motivi kollha predetti din il-Qorti qed takkolji l-appell fl-aggravji kollha tieghu, thassar is-sentenza appellata, u, konsegwentement, ukoll, tichad it-talba ta' l-attur appellat kontenuta fl-Avviz, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew minnu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------